# STQARRIJA MID-DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI VETERINARJI U MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI: Passi dwar traċċi ta' fipronil f'numru ta' kampjuni ta' bajd

Reference Number: PR171954, Press Release Issue Date: Aug 30, 2017

Wara li f'numru ta' pajjiżi Ewropej instabu prodotti tal-bajd bi traċċi tas-sustanza kimika fipronil, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali f'Malta, tul il-ġimgħat li għaddew wettaq numru ta' testijiet fuq kampjuni ta' bajd impurtat kif ukoll magħmul f'pajjiżna. Dawn li-kampjuni ntbagħtu f'laboratorju akkreditat fil-Ġermanja.

Meta llum waslu lura r-riżultati, jirriżulta li 8 minn 20 kampjun kellhom traċċi ta' fipronil. Filwaqt li l-użu ta' din is-sustanza mhix permessibbli, l-ammonti li nstabu ma jlaħħqux livelli ta' tossiċità. Madankollu, bħala prekawzjoni, is-Supretendent tas-Saħħa
Pubblika qiegħed jirrakommanda. li sakemm joħrog avviż ieħor, persuna ma tikkonsmax aktar minn 2 bajdiet kuljum.

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà tal-Ikel, id-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji u d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali diġà ħadu passi biex is-sorsi fejn kien hemm bajd ikkontaminat jitwaqqfu milli jinbiegħu fis-suq lokali u li jsiru testijiet ulterjuri.